

**Integrilin**  
*eptifibatide*

**Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku**

*Dan id-dokument huwa sommarju tar-Rapport Pubbliku Ewropew ta' Valutazzjoni (EPAR). Jispjega kif il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) ivvaluta l-istudji mwettqa sabiex jasal għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar kif tintuża l-mediċina. Jekk teħtieġ aktar informazzjoni dwar il-kundizzjoni medika tiegħek jew it-trattament tiegħek, agra l-Fuljett ta' Tagħrif (parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Jekk tixtieq aktar informazzjoni relatata mar-rakkomandazzjonijiet tas-CHMP, agra d-Diskussjoni Xjentifika (ukoll parti mill-EPAR).*

**X'inhu Integrilin?**

Integrilin huwa mediċina li fiha s-sustanza attiva eptifibatide. Huwa disponibbli f'taħlita għal injezzjoni jew infużjoni (dripp fil-vina).

**Għal xhiex jintuża Integrilin?**

Integrilin jintuża sabiex jipprevjeni infart mijokardijaku (attak tal-qalb) fl-adulti. Integrilin jintuża fil-gruppi li ġejjin:

- pazjenti li għandhom angina mhux stabbli (tip gravi ta' wġiġh fis-sider li jvarja fl-intensità);
- pazjenti li diġà kellhom infart mijokardijaku mhux tal-mewġa Q (tip ta' attakk tal-qalb), b'wġiġh f'sidirhom fl-aħħar 24 siegħa u b'anomaliji fuq l-elettrokardjogramma (ECG) jew sinjali ta' problemi fil-qalb fid-demm.

Integrilin jingħata mal-aspirina u l-eparina mhux frazzjonata (mediċini oħra li jimpedixxu emboli). L-iktar pazjenti li għandhom l-ikbar possibbiltà li jmorru tajjeb bi trattament b'Integrilin huma dawk b'riskju għoli ta' infart mijokardijaku tlitt jew erbat ijiem wara l-bidu tal-angina akuta (għall-għarrieda)). Dan jinkludi pazjenti li għandhom angioplastika koronarja transluminale perkutanea (PTCA, tip ta' intervent kirurġiku biex tnaddaf l-arterji li jissupplixxu l-qalb).

Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'riċetta tat-tabib.

**Kif jintuża Integrilin?**

Integrilin għandu jingħata ġol-vina minn tabib li għandu esperjenza fil-ġestjoni tal-kura tal-kundizzjonijiet tal-qalb.

Id-doża rakkomandata hija injezzjoni waħda ta' 180 mikrogramma għal kull kilogramm tal-piż tal-ġisem mogħtija kemm jista' jkun malajr wara d-dijanjożi. Din hija segwita minn infużjoni kontinwa ta' 2.0 mikrogrammi/kg fil-minuta li tibqa' sejra sa 72 siegħa, sakemm jibda l-intervent kirurġiku, jew sakemm il-pazjent jintbagħat mill-isptar, skont liema minnhom isseħħ l-ewwel.

Il-pazjenti li għandhom problemi moderati fil-kliewi għandhom jingħataw dożijiet iktar baxxi waqt l-infużjoni. Integrilin ma għandux jintuża f'pazjenti bi problemi serji fil-kliewi. Jekk il-pazjent jagħmel intervent perkutaneju koronarju (PCI jew angioplastika, proċedura kirurġika li ssir biex tiżblokka arterji koronarji dojoq), it-trattament jista' jitkompla sa mhux aktar minn 24 siegħa wara l-intervent kirurġiku, sa massimu ta' dewmien tat-trattament ta' 96 siegħa.

### **Kif jaħdem Integrilin?**

Integrilin huwa impeditur tal-aggregazzjoni tal-pjastrini. Dan ifisser li jgħin biex jimpedixxi d-demmm milli jagħqad. Meta d-demmm jagħqad, dan jigr minħabba ċelloli speċjali fid-demmm imsejħa pjastrini, li jeħlu ma' xulxin (jaggregaw). Is-sustanza attiva f' Integrilin, eptifibatide, twaqqaf il-pjastrini milli jaggregaw billi timblokka proteina msejħa glikoproteina IIb/III preżenti fil-wiċċ tagħhom li tgħin sabiex jeħlu. Integrilin inaqas bil-bosta r-riskju li jifforma embolu u dan jgħin biex jimpedixxi attakk tal-qalb ieħor.

### **Kif ġie studjat Integrilin?**

Integrilin tqabbel ma' plaċebo (trattament finta) fi studju li involva 11,000 pazjent li kienu l-isptar u kellhom sinjali li aktarx fiż-żmien qarib kien ser ikollhom attak tal-qalb, jew li diġà kellhom attakk tal-qalb ħafif.

Studju ieħor qabbel Integrilin ma' plaċebo f' 2,000 pazjent li kellhom PTCA biex jitneħħa embolu mill-arterji koronarji u biex jiddaħħlilhom stent (tubu qasir li jibqa' fl-arterja biex iwaqqafha milli tingħalaq).

Fiż-żewġ studji, il-pazjenti ngħataw ukoll mediċini oħra li jimpedixxu li d-demmm jagħqad. Il-kejl ewlieni tal-effikaċja kien in-numru ta' pazjenti li kellhom attakk tal-qalb jew li mietu fi żmien 30 jum mit-trattament.

### **X'benefiċċji wera Integrilin minn dawn l-istudji?**

Fl-ewwel studju, Integrilin kien aktar effikaċi mill-plaċebo fil-prevenzjoni ta' mewt jew ta' attakk tal-qalb waqt it-30 jum ta' wara li ngħata. Benefiċċju simili ħareġ ukoll mit-tieni studju. Il-benefiċċju ewlieni kien fit-tnaqqis ta' aktar attacchi tal-qalb.

### **X'inhuma r-riskji marbuta ma' Integrilin?**

L-iktar effett sekondarju komuni ma' Integrilin (li deher f' iktar minn pazjent 1 minn kull 10) huwa l-ħruġ ta' demm, li jista' jkun gravi. Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji kollha rrapportati b' Integrilin, ara l-Fuljett ta' Tagħrif.

Integrilin ma għandux jintuża min-nies li jistgħu jkunu ipersensittivi (allerġiċi) għal eptifibatide jew għal xi sustanzi oħra tiegħu. Ma għandux jintuża f' pazjenti li għandhom problemi ta' fsada jew ibatu minn marda li tista' tikkawża l-fsada (bħalma huma l-pupelsija jew pressjoni għolja ħafna tad-demmm), jew f' pazjenti bi problemi serji fil-fwied u fil-kliewi. Għal-lista sħiħa ta' restrizzjonijiet, ara l-Fuljett ta' Tagħrif.

### **Għaliex ġie approvat Integrilin?**

Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) iddeċieda li l-benefiċċji ta' Integrilin huma akbar mir-riskji tiegħu biex jimpedixxi infart mijokardijaku bikri. Il-Kumitat irrakkomanda li Integrilin jingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

### **Aktar tagħrif dwar Integrilin:**

Il-Kummissjoni Ewropea tat awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-Unjoni Ewropea kollha għal Integrilin fl-1 ta' Lulju 1999. L-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ġiet imġedda fl-1 ta' Lulju 2004 u fl-1 ta' Lulju 2009. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq huwa Glaxo Group Ltd.

L-EPAR sħiħ għal Integrilin jista' jiġi kkonsultat [hawn](#).

**Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar fi: 07-2009.**